MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 266/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Brian Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali talli fl-20 ta’ Settembru, 2009 għall-ħabta ta’ 16.45 hrs gewwa Triq Had-Dingli, Rabat, saq vettura b’numru GAN 476 :

1. b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni, jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna ġriehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Sarah Porsella Flores skond ma ccertifikat Dr. Amanda Bugeja MD mill-MDH;
2. saq l-imsemmija vettura b’manjiera traskurata, perikoluża u bla kont;

3. saq l-imsemmija vettura b'ġiri aktar milli jmissu;

4. saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura bin-numru GAN 476 fi Triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew droga;

5. naqas u/jew irrifjuta li jagħti l-partikolaritajiet tiegħu lill-Pulizija jew uffiċjal iehor meta ġew mitluba waqt il-qadi ta' dmirijietu u ċioe' lil PS 426 Portelli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Gunju, 2010, li biha wara li rat l-artikolu 226 tal-Kap. 9, l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65, l-artikolu 15(A)(B) tal-Kap. 65, u l-artikolu 338(g) tal-Kap. 9, stante li l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' akkuzi gew ippruvati sabet lill-appellant ħati ta' dawn l-akkuzi u kkundannatu multa ta' hames mija w sebghin Euro (€570).

Inoltre l-Qorti ordnat ukoll l-iskwalifika tal-liċenzja tal-appellant ghal perjodu ta' tnax-il xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fis-16 ta' Gunju, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata w tiddikjara nulla w bla effett u sabiex l-appellant ma jkunx ipprivat mid-doppio esame li l-atti ta' din il-kawza jkunu rimandati lill-Ewwel Qorti **jew** peress illi kif ingħad ma hux ċar jekk l-appellant instabx ħati tal-ħames imputazzjoni, li f'każ li dina l-Qorti jogħġobha tiddikjara li l-appellant kien ġie misjub ħati tal-ħames imputazzjoni wkoll, jogħgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija skond il-ligi, **jew** peress illi kif ingħad ma hux ċar jekk l-appellant instabx ħati tal-ħames imputazzjoni, li f'każ li dina l-Qorti jogħġobha tiddikjara li l-appellant ma kienx ġie misjub ħati tal-ħames imputazzjoni u tqis li kwindi huwa gie liberat minnha li, jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu l-appellant ma ġiex misjub ħati tal-ħames imputazzjoni u tirrevokaha kwantu l-appellant nstab ħati tal-ewwel, u tqis li kwindi huwa gie liberat minnha li, jogħgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu l-appellant ma ġiex misjub ħati tal-hames imputazzjoni u tirrevokaha kwantu l-

appellant nstab ħati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni, tiddikjarah mhux ħati u tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija skond il-ligi, **jew** f'kull kaz li tinstab htija, li tvarja l-piena nflitta għal piena oħra anqas u aktar ekwa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Kodici Kriminali jesiġi x'inhuma r-rekwiziti *sine qua non* ta' x'għandu jkun fiha sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali a tenur tal-artikoli 382.

Is-suespost qiegħed jintqal bl-aktar responsabbilita' meta wiehed iqis li l-Ewwel Qorti fis-sentenza li minnha qiegħed jigi interpost dana l-appell, fiha nuqqas ieħor u cioe' li mkien **ma jissemmew il-fatti** li dwarhom l-appellant gie misjub ħati.

Illi s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti ma tirriflettix id-*dictat* tal-artikolu ċitat *supra.* Dan qiegħed jingħad, stante li filwaqt li s-sentenza ssemmi u tiċċita l-artikolu 338(g) tal-Kodici Kriminali, l-Ewwel Qorti ma semmietx jekk l-appellant huwiex ħati jew le ta' l-imputazzjoni numru 5. Dan waħdu jwassal sabiex is-sentenza ma hijiex waħda integra w l-appellant għadu s'issa ma jafx x'inhija l-pożizzjoni tieghu rigwardanti l-ħames imputazzjoni.

L-Ewwel Qorti meta hija ppronunzjat ruħha fuq l-artikoli tal-ligi, li a bazi taghhom hija sabet lill-appellant ħati, huma bir-rispett monki. Dan qiegħed jingħad għar-rigward tal-artikolu 226 tal-Kodiċi Kriminali hekk kif ċitat mill-Ewwel Qorti. L-artikolu 226 tal-Kodiċi Kriminali fis-sub-artikolu (1) tiegħu, joħloq tliet kategoriji ta' pieni kommensurabbli mal-gravita' o meno tal-offiża involontarja.

Għandu jingħad ukoll kif is-sentenza appellata tikkwota artikoli tal-liġi li ma jeżistux. L-Ewwel Qorti fis-sentenza tikkwota l-artikolu 15(A)(B) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dawn l-artikoli fil-ligi ma jeżistux.

Mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti, b’mod alternattiv l-appellant jikkontendi li ġaladarba huwa “a first time offender”, b’mod partikolari in konnessjoni ma’ ksur tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-appellant jikkontendi li l-piena mogħtija lilu setgħet ingħatat fil-minimum.
Rat ukoll in-Nota tal-appellant ippreżentata fl-4 ta’ Jannar 2011 li fiha ppreżenta ġabra ta’ ġurisprudenza li ‘titkellem b’mod ċar dwar kif sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati hija nulla meta ma jkunx hemm pronunzjament fuq imputazzjoni :

Il-Pulizija vs Keith Pace (5 ta’ Mejju 2005); Il-Pulizija versus Generoso Sammut (13 t’Ottubru 2004); Il-Pulizija versus John Farrugia (20 ta’ Jannar 2000); Il-Pulizija versus Francis Portelli (3 ta’ Frar 1992); Il-Pulizija versus Francis Aquilina (26 ta’ Novembru 1960); u Il-Pulizija versus Piju Gafa’ (18 t’April, 1959).

Żied jissottometti wkoll li l-każ ikkwotat mill-Avukat Ġenerali, jiġifieri ‘Il-Pulizija versus Emmanuel Zammit’ (16 ta’ Jannar 1986) jitkellem dwar każijiet meta sentenza hija miktuba biss di proprio pugno fuq iċ-ċitazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar jli l-Ewwel Onorabbli Qorti ma semmietx il-fatti li tagħhom l-imputat instab ħati. Mingħajr preġudizzju għal dak li ser jingħad dwar il-ħames imputazzjoni, din il-Qorti tagħżel li timxi mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta’ Jannar 1986 (Il-Pulizija vs Francis Zammit) fejn intqal:

‘Mhix il-prattika ta’ din il-Qorti tkun formalisitika żżejjed speċjalment meta nullita’ simili ma ssibx konsegwenzi partikolari hlief fit-termini tal-artikolu 440(3) tal-istess Kap 12 (illum 9) tiddikjara n-nullita’ u tgħaddi biex tiddeċiedi l-

kawża fuq il-mertu. Fil-fehma ta' din il-Qorti meta bħal f'dal-każ is-sentenza oriġinali tkun miktuba fuq iċ-ċitazzjoni li fuqha jkun hemm riprodotti l-fatti u mis-sentenza kir fedatta ma jkunx hemm dubju liema fatti jkun ġie misjub ħati l-imputat, il-formaliżmu m'hemmx postu u għandha tiġi salvata s-entenza anki fuq il-massima ' ad salvandum actum consummatum omnis favorabilis capienda venit interpretatio.'

Fil-każ tal-lum il-fatti huma miktuba fuq iċ-ċitazzjoni u għalhekk tista' tapplika l-prattika t'hawn fuq.

Iżda l-appellant jillamenta wkoll li l-Ewwel Qorti ma semmietx jekk l-appellanti huwiex ħati jew le tal-ħames imputazzjoni.

Issa fis-sentenza miktuba mill-Ewwel Onorabbli Qorti hemm miktub hekk fuq in-naħa tax-xellug:

'Stante li l-1, 2,3,u r r-raba' akkużi ġew ippruvati......'.

Iżda mbagħad il-Maġistrat żiedet 'u l-5' bejn in-numru 4 u l-kelma 'akkużi'. Għalhekk jidher li skond is-sentenza miktuba l-appellant kien misjub ħati tal-ħames imputazzjoni.

Min-naħa l-oħra, min ħa ħsieb jittajpja s-sentenza kiteb hekk:

'Stante li l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' akkużi ġew ippruvati, speċjalment mill-affidavit ta' PS 426 u tax-xhud Steve Abela, qed issib lill-imputat Brian Micallef ħati ta' dawn l-akkużi u tikkundannah multa ta' €570'.

Waqt li jissemma l-artikolu 338(g) tal-Kap 9, li jolqot il-ħames akkuża, fis-silta riprodotta hawn fuq m'hemmx referenza għall-ħames imputazzjoni probabbli għax min ittajpja s-sentenza ma ndunax li l-Maġistrat kienet niżżlet bl-idejn il-frażi 'u l-5' bejn 'in-numru 4' u l-kelma 'akkużi' fuq iċ-ċitazzjoni u ra l-ewwel erba' numri biss.

Jirriżulta li hemm żewġ verżjonijiet tal-istess sentenza li mhumiex jaqblu għal kollox dwar il-ħames imputazzjoni.

Għaldaqstant il-Qorti qed tannulla s-sentenza mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi fit-3 ta' Ġunju 2010 minħabba dan id-dubju li nħoloq u qed tirrimanda l-atti kollha lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex tinstema' l-kawża mill-ġdid sabiex l-appellant ma jkunx ipprivat mid-doppio esame. Qed tirrikomanda wkoll li x-xhieda tkun reġistrata, u f'każ li jkun interpost xi appell, ix-xhieda tkun dattilografata qabel ma jintbagħtu l-atti lill-Qorti tal-Appell Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------